**Q O R T I    T A L - A P P E L L    K R I  M I N A L I**

**Onor.Imhallef   Dottor Joseph Galea Debono   B.A.,LL.D.**

**SEDUTA TAL-HAMIS , 7 ta' Marzu, 2002.**

**Appell Numru 11/98 NA.**

**IL-PULIZIJA**
**Supt. Bartolomeo Mula   u Spett. Emmanuel Cassar**

**vs.**

**Vincent Calleja.**

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza kontra l-appellant tat-12 t' Awwissu, 1993, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, li biha gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:-
(a) talli f' Birkirkara, f' xi hin bejn id-9.30 a.m. tad-19 ta' Mejju, 1992, u l-11.45 a.m. tat-22 ta' Mejju, 1992, flimkien ma persuna jew persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' deheb, ,kif ukoll sett tal-Television tal-marka Grundig, mill-fond 100, Fleur de Lys Road, Birkirkara,  liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-lok ghad-dannu ta; Elena Zammit minn Birkirkara;
(b) talli f'San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, f'xi hin bejn is-7 p.m. tal-5 ta' Lulju, 1992, u l-5.30 p.m. tas-6 ta' Lulju, 1992, flimkien ma persuna jew persuni mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb, u hagar prezzjuz, , kif ukoll set tat-Television tal-marka Seleco u oggetti ohrajn ta' valur, mill-fond "Il-Gallarija", sitwat f' Triq E. Bradford, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur li jammonta ghal diversi eluf ta' liri Maltin, u bil-lok, ghad-dannu tal-Magistrat Dr. Patrick Vella LL.D. minn San Pawl tat-Targa;
(c)  talli f''Birkirkara u San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, u fi bnadi ohrajn , f' dawn il-Gzejjer, fl-istess zminijiet, dati u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara  hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement , b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' l-oggetti misruqin mill-fondi imsemmijin;
(d) talli fl-istess postijiet, dati, hinijiet u cirkostanzi, volontarjament hassar , ghamel hsara jew gharraq, hwejjeg haddiehor,  mobbli jew immobbli, u cioe' il-bibien tal-fond 100, Fleur de Lys Road, Birkirkara, u tal-fond "Il-Gallarija" sitwat fi triq E. Bradford,  f'San Pawl tat-Targa, liema hsarat  ma jiskorrux il-hames mitt lira Maltin (LM500) izda huma izjed minn hamsin lira Maltin (LM50)  (komplessivament) ghad-dannu tas-sidien taghhom,

Fl-ahharnett talli huwa sar recidiv, ai termini tal-art. 49 u 50, tal-Kodici Kriminali , Kapitolu 9, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reat, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, (Awla J) li ggib id-data tas-6 t'April, 1992, liema sentenza saret definittiva,

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-16 ta' Novembru, 1994 li biha indika l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija kontra l-appellant imputat .

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju, 1995, li bih Dr. Joseph Brincat ghall-imputat appellant kien ta il-kunsens tieghu biex il-kawza titmexxa bi procedura sommarja ;

Rat it-talba tad-difiza fis-seduta tas-26 ta'Settembru, 1996 biex taghmel nota ta' referenzi b'terminu li ghalkemm gie prorogat mill-ewwel Qorti ghal diversi drabi, qatt ma gie rispettat, tant li l-ewwel Qorti osservat dan meta, fl-4 t'April, 1997, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza .

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru, 1997, registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, fejn id-difiza iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq u wara li l-partijiet ittrattaw il-kawza, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Jannar, 1998

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Jannar, 1998 li biha , wara li rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 t'April, 1992 , fil-konfront tal-imputat , semghet il-prova tal-identita' tal-istess, iddikjarat l-imputat recidiv ai termini tal-art. 49 u 50 tal-Kodici Kriminali - sabet lill-imputat appellant instab mhux hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u kwindi gie liberat mill-istess akkuza , sabitu hati tal-ewwel , tat-tieni u tar-raba akkuza migjuba kontra tieghu . Rat l-artikoli 261 (b) (c) u (e) , 263, 264, 265 , 266, 267 , 269 (g) 20, 278 (1) (2) (3) u 325 tal-Kodici Kriminali u ikkundannatu ghal piena ta'sitt snin prigunerija. Il-perjodu ta' arrest preventiv, kellu jitnaqqas minn tali piena. Inoltre, rat l-art. 533 tal-Kodici Kriminali u kkundannat lill-imputat appellant li jhallas l-ispejjez kollha nkorsi f'din il-kawza fi zmien sittin gurnata minn meta jircevi il-kont mir-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appel tal-appellant tas-16 ta' Jannar, 1998, fejn talab li din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata, billi tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u tirrevokha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena , u fi kwalunkwe kaz, tirriformha dwar il-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor jikkonsistu filli :-
(1) illi l-akkuza ta'hsara volontarja dedotta kontra tieghu hija certament kompriza u involuta fl-aggravanti tas-serq ta' sgass, l-intenzjoni tad-danni volontarji hija dik specifika ta' min irid jgharraq hwejjeg haddiehor u mhux semplicement , kawza tal-azzjoni tieghu, jgharraq hwejjeg haddiehor . Hemm distinzjoni bejn il-"finis" u "l-Effectus" .
(2) li ma kienx regolari li l-appellant jittiehed fuq il-post tad-delitt;

(3) li l-ghadd ta' punti ta' konvergenza bejn il-prints (elevati) minn fuq il-post u l-prints mill-idejn mhux sufficjenti fil-kaz in ezami;
(4) il-piena kellha tkun inqas gravuza.

Rat in-Noti ta' Astensjoni tal-Onor. Imhallfin Dr. Vincent De Gaetano u Dr. Patrick Vella ghar-ragunijiet hemm moghtija ;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Lulju, 1999 fejn l-appellant, fuq talba tad-difensur tieghu, gie moghti zmien sat-8 t'Ottubru, 1999, biex jipprezenta nota b'sentenza fuq l-aggravju tal-uzu tal-finger print tal-appellant u f'dan il-kaz il-valur probatorju relattiv . Rat li minkejja li dan it-terminu ghall-prezentata tan-nota gie prorogat diversi drabi minn din il-Qorti diversament preseduta, din in-nota - sal-lum - baqghet qatt ma giet prezentata u partikolarment il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju, 2000, li bih din il-kawza kienet giet differita ghas-sentenza mill-istess Qorti diversament preseduta, liema sentenza pero' baqghet ma inghatatx wara li regghet inghatat opportunita' li d-difensur tal-appellant jippresenta in-nota imsemmija sat-23 ta' Gunju 2000.

Rat l-atti li kienu jirrigwardaw ir-riarrest tal-appellant fil-mori tal-appell u partikolarment id-Digriet tat-2 ta' Mejju u tal-15 ta' Mejju, 2001; li bih ,dan tal-ahhar, l-appellant, rega' inghata l-liberta' provizorja;

Rat id-Digriet tat-30 t'Ottubru, 2001 li bih l-appell odjern kien gie dikjarat dezert ghaliex l-appellant ma kienx deher ghas-seduta ta' dak in-nhar .

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta' Novembru, 2001 li bih l-appell kien gie riappuntat;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tall-appellant u tal-abbli Prosekutur waqt is-seduta tal-21 ta' Frar, 2002, f'liema seduta il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-7 ta' Marzu, 2002, bil-fakolta' lil Prosekuzzjoni li tesebixxi - bil-kunsens tal-appellant - kopja aggornata tal-fedina penali tal-appellant ,li fil-fatt giet esebita b'nota tal-25 ta' Frar, 2002.

Ikkunsidrat ,

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa kollha l-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti u partikolarment il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, l-istatements tal-appellant (fols. 92 u 93 tal-process), ghax l-appellant ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti u b'mod partikolari ir-relazzjoni tax-xhud espert tal-impronti tas-swaba Joseph Bongailas u ix-xhieda - inkluz il-kontroezami tieghu, (fol. 116 u 117 tal-process) kif ukoll ix-xhieda tad-derubati dwar il-valur tal-oggetti misruqa u l-mezzi li intuzaw biex inkiseb access ghad-djar taghhom u l-hsarat li irriskontraw .

Illi minn dawn il-provi irrizulta li fuq iz-zewg postijiet fejn saru is-serqiet in kwistjoni instabu finger prints li gew imqabbla ma dawk tal-imputat, liema finger prints ma gewx spjegati b'ebda mod mill-istess imputat appellant fl-statements tieghu - fejn del resto pratikament ma irrisponda ghal xejn -

l-espert tal-Qorti Bongailas xehed li kellu sbatax il-sena esperjenza f'dan ix-xoghol ta' tehid u komparazzjoni ta' "finger prints" u li hu kien , ghall-fini biss ta' investigazzjoni ulterjuri mill-Pulizija , jimxi fuq disgha' (9) punti "points of comparison", izda , ghall-fini ta' proceduri quddiem il-Qorti , jimxi fuq il-kriterju ta' "14 points of comparison". Irrifjuta dak li issuggerielu id-difensur li hemm bzonn "20 points of comparison" u li dejjem imxew tul sbatax il-sena fuq htiega ta' "14 points of comparison". Instabu 14 points of comparison fuq is-seba il-kbir ta' id ix-xellugija, is-seba il-werrej ta' id ix-xellugija u is-seba tac-curkett ta' id il-lemenija tal-appellant (ara. fol-13 tar-relazzjoni ta' Joseph Bongailas Dok. JB) u anki 16 il-punt fuq il-pala tal-id tax-xellug ta' id l-appellant. Imbaghad fix-xhieda tieghu l-istess espert (fol.81) ikkonkluda li ir-rizultat kien pozittiv fiz-zewg kazijiet.

Illi l-imputat appellant, skond ix-xhieda tas-Supratendent Bertu Mula u l-Ispettur Emmanuel Cassar. Meta ittiehed quddiem iz-zewgt id-djar fejn saru is-serqiet de quo, cahad li hu qatt kien dahal fihom (fol-13 sa 15 u fols. 21 sa 23 tal-process).

Ikkunsidrat

Illi jidher opportun li jigi trattat l-ewwel it-tielet aggravju tal-appellant ghaliex ovvjament jekk ma hemmx provi li jorbtu lill-appellant maz-zewg serqiet in kwistjoni, l-indagni trid tieqaf hawn u ma jkunx il-kaz li wiehed jidhol fl-aggravji l-ohra. F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz , imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il-provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha .

Illi f'dan il-kaz hu inkontestat u assodat li saru iz-zewg serqiet f'temp ta' inqas minn xahrejn minn wahda ghall-ohra u instabu inpronti tas-swaba u tal-pala ta' l-id ta' l-appellant, inpronti u li l-appellant b'ebda mod ma spjega il-prezenza taghhom f'dawk iz-zewgt idjar la fl-stqarrijiet tieghu u lanqas f'xi depozizzjoni guramentata li kellu l-opportunita' li jaghti, izda baqa' ma tax ghaliex ghazel li ma jixhidx .

Illi il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata . Fil-prattika pero' il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem , tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-"point of comparison" .

BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312)

jghid testwalment hekk :-

"Fingerprint evidence should be presented by a qualified expert , with at least five years' experience in the examination and comparison of such evidence. Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification , but ,

In a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82). Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement , and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match . Rose LJ said :

"Finger print evidence, like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused . It may so tend , even if there are only a few similar ridge characteristics , but it may , in such case , have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion , if its prejudicial effect outweighs its probative value....."

He added that Courts or judges would have to consider , before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it , the number of similar ridge characteristics identified , the presence of any dissimilar characteristics , the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable , in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match , and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."

Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-

"A person may be identified by fingerprints alone : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA". The National Fingerprint Standards were laid down in 1953. These require a match of 16 ridge characteristics on any one digit or, where prints are uplifted from two digits, not less than ten matches for each digit . However, the current consensus of experts is that these standards are too exacting ." u umbaghad jiccita il-principji enuncjati fil-kaz ta' R v Buckley fuq citat fil-Blackstone's.

Illi l-fatt fir-rigward tal-impronti elevati mid-dar 100, Fleur de Lys Road, Birkirkara, l-espert sab:

14 il-"point of comparison" bejn Dok. 920736103 u is-seba l-kbir u l-werrrej tal-is ix-xellugija tal-appellant.

14 il-"point of comparison" bejn Dok. 920736106 u is-seba tac-curkett ta' l-id il-lemenija tal-appellant u fir-rigward tad-dar "Il-Gallarija", E. Bradford Street, San Pawl tat-Targa, l-espert sab:

16 il-“points of comparison” bejn Dok. 920925101 u l-pala tal-id tax-xellug tal-appellant,
16 il”point of comparison” bejn Dok. 920925105 u l-pala tal-id tax-xellug tal-appellant,
5 il-“point of comparison” bejn Dok. 920925106 u is-seba il-werrej ta’ id ix-xellugija tal-appellant.
14 il-“point of comparison” bejn id-Dok. 920925106 u s-seba tan-nofs ta’ id ix-xellugija tal-appellant.
6 il-“point of comparison” bejn id-Dok. 920925106 u s-seba iz-zghir ta’ id ix-xellugija tal-appellant u
14 il-“point of comparison” bejn id-Dok. 920925106 u s-seba tac-curkett ta’ id ix-xellugija tal-appellant.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu jidher li dak li sostniet id-difiza fil-kontr-ezami tal-*fingerprints* li hemm bzonn mill-inqas ghoxrin punt ta’ paragun mhux korrett, anzi it-tendenza l-iktar ricenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f’dan il-kaz) jista’ jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita’ tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta’ “14 points of comparison” fuq tlett iswaba differenti tal-appellant sittax il-“point of comparision” mill-pala tal-id tal-appellant bhala evidenza li torbtu mal-prezenza tieghu fiz-zewgt idjar fejn saru is-serqiet, prezenza li hu cahad meta ittiehed fuq il-post u li bl-ebda mod ma ittanta biss li jispjega la fl-statements tieghu jew billi jixhed . Ghalhekk din il-Qorti thoss li il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li biha waslet biex rabtet lill-appellant maz-zewg serqiet biss a bazi tal-fingeprint evidence fic-cirkostanzi zgur li ma kienetx “unsafe and unsatisfactory” u dana tenut kont tal-esperjenza ta’ 17 il-sena li kellu ix-xhud espert tal-Qorti u cirkostanzi ohra gja fuq imsemmija. Ghalhekk ma thossx li ghandha tiddisturbha jew b’xi mod tvarjha .

Illi dwar it-tieni aggravju tal-appellant li ma kienx regolari li l-appellant jittiehed fuq iz-zewg lokalitajiet tal-allegati serqiet , din il-Qorti thoss li dan l-aggravju mhux gustifikat . Dan hu metodu legali u perfettament in ordine f’kazijiet bhal dawn , fejn il-persuna suspettata li jkunu instabu impronti digitali taghha fuq il-post tal-allegat delitt tittiehed hemm u tigi mistoqsija jekk fil-fatt qatt kienetx dahlet hemm , u dan anki “in all fairness” ghall-istess persuna suspettata li b’hekk tkun inghatat l-opportunita’ li tarha hi stess il-post li l-Pulizija tkun qed tinterrogha dwaru u b’hekk ikollha l-opportunita’ li - jekk ghandha xi spjeazzjoni innocenti tal-prezenza tal-finger prints fuq dak il-post - tatiha “there and then” u b’hekk tevita investigazzjoni , inkonvenjent u “hassle” ulterjuri bla bzonn . Allahares li l-Pulizija investigattiva ma jithalilix dan id-dritt li tikkonfronta lill-persuna suspettata bil-post fejn ikun allegat sar ir-reat u ma tatix lill-istess persuna l-opportunita’ li jispjega il-prezenza ta’ dawk il-”prints” hemm gew - dejjem jekk ikollha spjegazzjoni , li f’dal-kaz ma jidhirx li kellha ! Ghalhekk dan l-aggravju hu bla bazi u manifestament infondat .

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, dan ghandu jiftiehem li ir-reat ta’ danni volontarji kontemplat fit-raba’ akkuza dedotta kontra l-appellant , serva biss bhala mezz ghall-fini u ghalhekk -biss ghall-fini ta’ piena - kellu jigi kompriz u involut fil-ewwel zewg akkuzi ta’ serq, dan l-aggravju jimmerita certa konsiderazzjoni, ghaliex ,ovvjament ,jekk il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghall-fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-djar koncernati dan l-aggravju ikun fondat. Jekk invece jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jikseb access ghall-fond, allura ir-reat

jista' jikkonfigura ruhu xorta wahda "on its own merits" u ma jkunx jista' jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Dan is-sub-inciz jiddisponi :-

"meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi ."

Mid-dicitura tal-ligi johrog car , li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi , mhux ma jkunx hemm htija , izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f' dik tar-reat aktar gravi , imma r-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar . Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-

> "..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only the punishment provided for the greater offence can be awarded.This is the application of the method of "assorbimento"

Illi fil-kaz tal-ewwel serqa u cioe' dik mill-fond , 100, Triq Fleur de lys , Birkirkiara, jidher mill-atti tal-process verbal , li il-hsara kagunata kienet relatata u intiza biss ghall-fini tal-isgass. Di fatti giet stmata biss fl-ammont ta' tnax il-lira (LM12) mill-espert tal-Qorti William Cassar Torreggiani (fol.30-31 tal-process verbal relattiv) u jidher li kienet tikkoncerna biss il-hsara fuq il-bieb ta' barra , il-paranta u s-serratura tieghu . Ghalhekk f'dan l-kaz il-hsara kienet sinonima mall-kwalifika tal-"mezz" tar-reat tas-serq u kommessa ghall-istess fini.

L-istess pero' ma jistax jinghid fil-kaz tat-tieni allegata serqa inkluza ukoll fir-raba' imputazzjoni u cioe' dik mill-fond "il-Gallarija, San Pawl tat-Targa , proprjeta' tal-Magistrat Patrick Vella . Di fatti , mir-rapport tas-surveyor tal-assikurazzjoni tal-Magistrat Vella , George Bonnici , minnu konfermat bil-gurament, jirrizulta testwalment (a fol.29 u 30 tal-process ) li :-

"A certain degree of malicious damage was made by the thieves during their break -in", u l-espert tal-Qorti Alfred P. Camenzuli , fix-xhieda tieghu (fol. 18 u 19 tal-process ) xehed testwalment :-

"Ghar-rigward tal-hsara, barra aperturi, kien hemm ukoll hsarat konsiderevoli ta' ghamara tal-kewba antika specjalment f'dik tal-kamra tal-pranzu li kien fiha hafna grif u kien jinhtieg din li issirilha polish mill-gdid kollha kemm hi"

Ara ukoll fol. 31 u 32 tal-process verbal dwar is-serq mid-dar tal-Magistrat Patrick Vella. u fol-35 tal-istess fejn il-hsara giet stmata ghas-somma ta' cirka elfejn lira (LM2000) . Ma tikkagunax elfejn lira hsara biex tisgassa bieb u

tidhol f’dar.

Ghalhekk, fil-waqt li dan l-aggravju kif qed tifmhu u tinterpretah din il-Qorti huwa fondat biss ghal dak il-parti tar-raba’ imputazzjoni li tirrigwarda il-hsara fil-propjeta’ fil-fond 100, Fleur de lys , Birkirkara, hu manifestament infondat u il-boghod mir-rizultanzi ghal dak li jirrigwarda il-fond “Il-Gallarija” San Pawl tat-Targa, fejn oltre il-hsara fl-aperturi konnessa mall-isgass, saret hsara ohra bla bzonn u vendikattiva li b’ebda mod ma ghenet jew wasslet biex issir is-serqa. Ghalhekk ir-raba akkuza tirrizulta ukoll pruvata pero’, biss ghal dik il-parti tal-akkuza li tirrigwarda il-fond “Il-Gallarija” , San Pawl tat-Targa .

Illi dwar il-piena, din il-Qorti ghandha il-funzjoni li tara li din ma tkunx barra mill-parametri dettati mill-ligi u li ma tkunx manifestament sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi kollha  izda m‘ ghandix  tissostiwixxi il-gudizzju u id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-ewwel Qorti  kapriccozament  u bla motivazzjoni serja.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta li l-ewwel Qorti sabet li l-appellant kien recidiv u dwar dan ma hemm ebda kontestazzjoni jew aggravju. Illi il-kondotta tal-appellant ma hix wahda felici u mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li jghandu diversi “convictions”, inkluz diversi kazi ta’ serq aggravat  darba qabel il-kaz in dizamina u drabi ohra  wara,  fejn seraq jew ittanta jisraq bi sgass minn diversi djar ta’ abitazzjoni, kif ukoll pussess ta’ droga . Mill-istess fedina penali  jidher li l-appellant  inghata aktar minn opportunita’ wahda mill-Qrati biex  jirriforma ruhu , izda sfortunatament ghalih u ghall-vittmi tar-reati minnu kommessi, xorta wahda baqa’ ghaddej bil-hajja  tieghu u jahbat difrejh mal-ligi daqqa’ b’reati minuri u daqqa b’reati ferm aktar serji.

Illi wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li r-reat ta’ serq bi sgass minn go djar ta’ abitazzjoni, apparti mit-telf pekunjarju li jikkaguna, johloq trawma  kbira fil-persuna tad-derubat u tal-membri tal-familja tieghu, liema trawna gieli iddum is-snin biex tintesa.  Hu dover tas-socjeta’ li tittutela id-dritt ta’ kull cittadin Malti li jhossu sikur ghall-inqas gewwa daru u jekk is-socjeta’ dan ma taghmlux tkun qed tonqos minn wiehed mill-obbligi bazilari taghha versu ic-cittadin li jifforma parti minnha. Ir-reat ta‘ serq bi sgass minn djar ta’abitazzjoni irid jigi konsidrat bhala reat serju u b’mod partikolari, fejn ikun ripetut , bhal fil-kaz in ezami, il-piena karcerarja trid isservi mhux biss bhala deterrent imma bhala protezzjoni lic-cittadin  kontra min jaghzel li jghix billi jintefa’ ghal hajja tad-delinkwenza, minkejja li jkun anki inghata diversi opportunitajit mill-Qrati biex jibdel hajtu .

Ikkunsidrat ,

Illi il-piena inflitta mill-ewwel Qorti taqa’ pjenament entro il-parametri dettati mill-ligi konsidrati l-aggravanti tar-reati li rrizultaw pruvati lill-ewwel Qorti , ir-reat kontinwat , il-konkors tar-reati u r-recidiva, pero’ tenut kont tal-fondatezza tal-ewwel aggravju tal-appellant fir-rigward ta’ parti biss mir-raba akkuza, ghall dak li jirrigwarda il-hsara volontarja fil-fond100, Fleur de Lys Road, Birkirkara, liema akkuza xorta wahda pero’ tirrizulta ghar-rigward tal-hsara fil-fond “Il-Gallarija”, din il-Qorti thoss li hu xieraq li jkun

hemm modifikazzjoni fil-piena applikata biex tirrifletti dan.

Ghaldaqstant fil-waqt li tilqa' l-appell limitatament ghal-dak li jirrigwarda il-htija ghal parti mir-raba akkuza kif fuq spjegat u tiddeciedi li il-hsara fil-fond 100, Fleur de lys Road, Birkirkara, serviet bhala mezzo ghall-fini biex jinkiseb access ghall-istess fond u ukoll ergo hija fiha innifisha wahda mill-kwalifiki li aggravat l-istess serqa kontemplata fl-ewwel imputazzjoni, u cioe' il-kwalifika tal-mezz, izda b'dana li dan ir-reat jirrizulta pjenament u indipendentement fil-kaz tal-fond "Il Gallarija", E Bradford Street, San Pawl tat-Targa ukoll kompriz fir-raba' imputazzjoni u ghal din ir-raguni tirriduci il-piena minn dik ta' sitt snin prigunerija ghal wahda ta' hames snin u nofs prigunerija u b'hekk biss tirriforma is-sentenza appellata, tikkonfermha ghall-kumplament taghha, kemm ghal dak li jirrigwarda il-liberazzjoni tal-appellant mill-akkuza ta' ricettazzjoni dedotta kontra tieghu fit-tielet imputazzjoni , kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet ta' htija fuq l-ewwel, it-tieni, u r-raba' akkuza - kif fuq modifikata, u fis-sejbin u dikjarazzjoni ta' recidiva, kif ukoll fejn ikkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjez kollha inkorsi f'din il-kawza fi zmien sittin jum minn meta jircevi il-kont tar-Registru u fejn ordnat li kull periodu ta' arrest preventiv ghandu jitnaqqas minn tali piena.

Aldo Testone
Dep. Registratur